31999R1596

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1596/1999

ta' l-20 ta' Lulju 1999

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 174/1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati speċjali għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 804/68 dwar dak li għandu x'jaqsam ma' liċenzji ta' esportazzjoni u rifużjonijiet ta' esportazzjoni fil-każ ta' ħalib u prodotti tal-ħalib

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 804/68 tas-27 ta' Ġunju 1968 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-ħalib u prodotti tal-ħalib [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1587/96 [2], u b'mod partikolari l-Artikoli 13(3), 16a(1) u 17(3) u (14) tiegħu,

(1) Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 174/1999 tas-26 ta' Jannar 1999 li jippreskrivi regoli dettaljati speċjali għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 804/68 dwar liċenzji ta' esportazzjoni u rifużjonijiet ta' esportazzjoni fil-każ ta' ħalib u prodotti tal-ħalib [3] huwa formolazzjoni mill-ġdid tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1466/95 [4], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2184/98 [5]; billi dak l-eżerċizzju wera li ċerti disposizzjonijiet li fihom referenzi mhumiex korretti jew huma skaduti; billi għandhom isiru l-korrezzjonijiet meħtieġa.

(2) Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 174/1999 jistipula li ma tista' tingħata l-ebda rifużjoni fuq esportazzjonijiet ta' ġobon meta l-prezz ħieles fil-fruntiera qabel l-applikazzjoni tar-rifużjoni fi Stat Membru ta' esportazzjoni jkun inqas minn EUR 230/100 kg; billi l-awtoritajiet ta' l-Istati Membri għandhom ikunu f'pożizzjoni li jivverifikaw li jkun hemm konformità ma' din id-disposizzjoni; billi għandha tkun adottata d-disposizzjoni għal dak il-għan u tkun preskritta d-definizzjoni ta' "prezz ħieles fil-fruntiera"; billi, minn dan il-lat, għandu jkun iffissat ammont ta' rata fissa sabiex tqis ta' l-ispejjeż differenti ta' trasport fil-Komunità.

(3) Billi r-Regolament (KE) Nru 174/1999 jiffissa t-terminu ta' validità ta' liċenzji għall-gruppi ta' prodotti varji; billi, minħabba d-diffikultà preżenti fl-esportazzjoni ta' ċerti prodotti tal-ħalib, it-terminu ta' validità ta' liċenzji għal dawk il-prodotti għandu jkun imtawwal.

(4) Billi ssir differenza bejn rifużjonijiet ta' esportazzjoni ta' ġobon skond id-destinazzjoni; billi d-dispożizzjoni kkonċernata għandha tkun addattata sabiex tqis in-negozjati ta' dħul li jkunu qed isiru ma' ċerti pajjiżi terzi.

(5) Billi amministrazzjoni tal-kwota għal esportazzjonijiet ta' ġobnijiet lejn il-Kanada hi bbażata fuq ċerti formalitajiet li għandhom jimtlew mill-awtoritajiet kompetenti tal-Kanada meta tali prodotti jkunu importati; billi dawk l-awtoritajiet ma setgħux japplikaw id-dispożizzjonijiet preskritti għal dak il-għan; billi għalhekk għandhom ikunu adottati arranġamenti sabiex ikun żgurat li l-iskema tkun applikata b'mod korrett.

(6) Billi l-amministrazzjoni tal-kwota għal esportazzjonijiet ta' ġobon għall-Isvizzera tista' tkun meġħjuna billi tkun antiċipata d-data ta' ħruġ ta' liċenzji; billi d-disposizzjonijiet ikkonċernati għandhom ikunu addattati bix-xieraq.

(7) Billi d-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/486/KE [6] approvat il-Memorandum ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Dominikana dwar il-protezzjoni ta' importazzjoni għal trab tal-ħalib fir-Repubblika Dominikana; billi l-Memorandum jipprovdi sabiex il-Komunità Ewropea tamministra s-sehem tagħha tal-kwota bla dazju skond mekkaniżmu ta' liċenzji ta' esportazzjoni; billi l-proċedura sabiex jingħataw liċenzji lil partijiet interessati għandha għalhekk tkun stabbilita.

(8) Billi, sabiex ikun żgurat li prodotti importati mir-Repubblika Dominikana jkunu parti mill-kwota u sabiex tkun stabbilita rabta bejn il-prodotti importati u dawk indikati fuq il-liċenzja ta' esportazzjoni, esportaturi huma obbligati, fil-ħin ta' l-importazzjoni, li jippreżentaw kopja ċċertifikata tad-dikjarazzjoni ta' esportazzjoni, li għandu jkun fiha ċerta informazzjoni; billi għal dak l-iskop għandha tkun adottata disposizzjoni.

(9) Billi, sabiex ikun żgurat li l-miżuri ppjanati jaħdmu mingħajr problemi u sabiex ma jitħalliex li jkun hemm kwalunkwe frammentazzjoni eċċessiva tas-suq li tista' tirriżulta f'telf ta' sehem tas-suq għall-Komunità, l-użu tal-kwota għandu jkun ristrett billi tingħata prijorità lil applikazzjonijiet ta' liċenzji esklussivament għal dawk il-prodotti li fil-passat irrappreżentaw kważi l-esportazzjonijiet kollha lejn ir-Repubblika Dominikana u, fejn jingħataw liċenzji, ħafna mill-kwantitajiet disponibbli għandhom ikunu merfugħa għal esportaturi "tradizzjonali" ta' trab tal-ħalib lejn dak il-pajjiż; billi għandu jkun hemm rabta bejn il-kwantitajiet ta' trab tal-ħalib esportati fil-passat minn dawk l-esportaturi lejn ir-Repubblika Dominikana u l-kwantità li għaliha tista' ssir applikazzjoni għal liċenzja.

[1] ĠU L 148, tat-28.6.1968, p. 13.
[2] ĠU L 206, tas-16.8.1996, p. 21
[3] ĠU L 20, tas-27.1.1999, p. 8.
[4] ĠU L 144, tat-28.6.1995, p. 22.
[5] ĠU L 275, ta' l-10.10.1998, p. 21.
[6] ĠU L 218, tas-6.8.1998, p. 45.

(10) Billi, iżda, sabiex ikun żgurat li relazzjonijiet tan-negozju f'dan is-settur ma jsirux eċċessivament riġidi, għandha tkun magħmula disponibbli tieni sehem lil esportaturi li jistgħu jagħtu prova li huma impenjati b'mod serju f'negozju, sabiex ikun żgurat li jkun hemm amministrazzjoni effiċjenti u tqassim ġust ta' kwantitajiet, għandha tkun iffissata l-kwantità massima li tista' tkopri applikazzjoni għal liċenzja.

(11) Billi prodotti esportati lejn ir-Repubblika Dominikana taħt il-kwota huma importati f'dak il-pajjiż b'rata ta' dazju mnaqqsa; billi l-introduzzjoni ta' kwota tfisser li esportaturi li ngħataw liċenzji huma sa ċertu punt protetti mill-kompetizzjoni minn esportaturi oħra u li jgawdu ċertu stabbilita fil-prezz; billi huwa għalhekk iġġustifikat li tkun iffissata rata ta' rifużjoni aktar baxxa minn dik applikabbli għal prodotti esportati barra l-kwota.

(12) Billi, sabiex ikunu ffaċilitati kontrolli, l-applikazzjonijiet kollha mill-istess esportatur għandhom jiddaħħlu fl-istess Stat Membru.

(13) Billi d-data ta' ħruġ ta' ċertifikati għandha tkun definita b'referenza għar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3719/88 [1], emendat bir-Regolament (KE) Nru 1127/1999 [2].

(14) Billi, sabiex esportaturi jkunu jistgħu jamministraw aħjar il-liċenzji mogħtija lilhom, it-terminu ta' validità ta' liċenzji għandu jkun imtawwal sabiex ikopri l-perjodu ta' referenza tal-kwota.

(15) Billi, sabiex tkun żgurata l-ħidma mingħajr problemi ta' l-iskema u sabiex ma jkunx hemm spekulazzjoni, liċenzji ma għandhomx ikunu trasferibbli.

(16) Billi l-Kumitat ta' Ġestjoni għal Ħalib u Prodotti tal-Ħalib ma tax opinjoni fil-limitu ta' żmien preskritt mill-president tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 174/1999 hu emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 1(2) hu mibdul b'li ġej:

"2. It-Taqsima 7 ta' applikazzjonijiet għal liċenzji u liċenzji għandhom juru l-pajjiż ta' destinazzjoni u n-numru tal-kodiċi tal-pajjiż jew territorju ta' destinazzjoni, kif indikat fin-nomenklatura tal-pajjiż għall-istatistika tan-negozju esterni fil-Komunità u statistika ta' negozju bejn Stati Membri, imwaqqfa mill-Kummissjoni fuq il-bażi ta' l-Artikolu 21(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1172/95 (*).

(*) ĠU L 118, tal-25.5.1995, p. 10."

2. Fl-Artikolu 3, l-ewwel paragrafu hu mibdul bli ġej:

"L-ebda rifużjoni ma għandha tingħata fuq esportazzjonijiet ta' ġobon fejn il-prezz ħieles fil-fruntiera qabel l-applikazzjoni tar-rifużjoni fl-Istat Membru ta' esportazzjoni jkun inqas minn EUR 230/100 kg. 'Prezz ħieles fil-fruntiera' ifisser il-prezz tax-xogħolijiet ta' qabel miżjud b'ammont ta' rata fissa ta' EUR 3/100 kg.

Fejn tkun saret applikazzjoni għal rifużjoni ta' esportazzjoni, it-taqsima 22 ta' liċenzji għandu jkun fiha l-kliem 'prezz minimu ħieles fil-fruntiera, kif hemm referenza għalih fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 174/1999, imħares'.

Fuq talba ta' l-awtoritajiet kompetenti, applikanti għandhom jipprovdu kull informazzjoni oħra u sostantzjar li l-awtoritajiet jikkunsidraw li jkunu meħtieġa sabiex jiżguraw konformità mal-prezz ħieles fil-fruntiera meta jsiru l-formalitajiet tad-dwana u għandhom jaċċettaw, fejn ikun applikabbli, kwalunkwe kontrolli minn dawk l-awtoritajiet fuq il-kontijiet fit-tifsira tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4045/89 (**)."

(**) ĠU L 388, tat-30.12.1989, p. 10.

3. L-Artikolu 6(ċ) hu mibdul b'li ġej:

"(ċ) l-aħħar tar-raba' xahar ta' wara l-ħruġ fil-każ ta' prodotti li jaqgħu taħt kodiċi NM 0406; "

4. L-Artikolu 15(3) hu mibdul b'li ġej:

"3. Iż-żoni li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 1 għandhom ikunu kif ġej:

— Żona I: kodiċi ta' destinazzjoni 053 sa 070 (inklużi) u 091 sa 096 ((inklużi),

— Żona II: kodiċi ta' destinazzjoni 072 sa 083 (inklużi),

— Żona III: kodiċi ta' destinazzjoni 400,

— Żona IV: il-kodiċi ta' destinazzjoni l-oħra kollha."

5. L-Artikolu 18 hu emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 6 hu mibdul b'li ġej:

"6. Liċenzji ta' esportazzjoni ppreżentati lill-awtorità kompetenti għal attribuzzjoni u awtorizzazzjoni bi qbil ma' l-Artikolu 22 tar-Regolament (KEE) Nru 3719/88 jistgħu jintużaw għal dikjarazzjoni ta' esportazzjoni waħda biss. Il-liċenzji għandhom ikunu eżawriti ladarba d-dikjarazzjoni ta' esportazzjoni tkun ġiet ippreżentata.

Possessuri titolari ta' liċenzji ta' esportazzjoni għandhom jiżguraw li tkun ippreżentata kopja ċċertifikata tal-liċenzja lill-awtorità kompetenti Kanadiża meta ssir applikazzjoni għal liċenzja ta' importazzjoni."

(b) il-paragrafu 8 hu mibdul b'li ġej:

"8. Qabel l-aħħar ta' Lulju għall-perjodu ta' sitt xhur ta' qabel u qabel l-aħħar ta' Jannar għas-sena ta' kwota ta' qabel, l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru għandha tinnotifika lill-Kummissjoni, bi qbil ma' l-Anness IV, bin-numru ta' liċenzji maħruġa u l-kwantità ta' ġobon ikkonċernat."

[1] ĠU L 331, tat-2.12.1988, p. 1.
[2] ĠU L 135, tad-29.5.1999, p. 48.

6. L-Artikolu 19(5) hu mibdul b'li ġej:

"5. Fil-każ ta' esportazzjonijiet mhux koperti b'applikazzjonijiet għal rifużjoni, it-Taqsima 22 ta' applikazzjonijiet għal liċenzji u liċenzji għandha jkun fiha l-kliem 'Mingħajr rifużjoni ta' esportazzjoni'.

Liċenzji għandhom jinħarġu kemm jista' jkun malajr wara li jiddaħħlu l-applikazzjonijiet.

Liċenzji għandhom ikunu validi mid-data tal-ħruġ tagħhom fit-tifsira ta' l-Artikolu 21(1) tar-Regolament (KEE) Nru 3719/88 sat-30 ta' Ġunju ta' wara.

Iżda, liċenzji jistgħu jinħarġu mill-20 ta' Ġunju u għandhom ikunu validi mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Ġunju tas-sena ta' wara sakemm il-kliem 'kwota għal...(sena ta' wara)' jidhru fit-Taqsima 20 ta' applikazzjonijiet għal liċenzji u liċenzji."

7. It-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 20(10) hu mibdul b'li ġej:

"Il-liċenzji sħaħ maħruġa għandhom ikunu validi għal esportazzjonijiet kif imsemmija fil-paragrafu 1 biss "

8. L-Artikolu 20(11) hu mibdul b'li ġej:

"11. Il-Kapitolu I, bl-eċċezzjoni ta' l-Artikolu 10, għandu japplika għal liċenzji sħaħ. Iżda, t-terminu ta' validità ta' liċenzji kif hemm ipprovdut fl-Artikolu 6 ma jistax jiżdied aktar mill-aħħar tas-sena kkonċernata."

9. L-Artikolu l ġej hu mdaħħal wara l-Artikolu 20:

"L-Artikolu 20a

1. Id-disposizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw għal esportazzjonijiet lejn ir-Repubblika Dominikana ta' trab tal-ħalib importat f'dak il-pajjiż b'rata mnaqqsa taħt il-kwota, għal perjodi ta' tnax-il xahar li jibdew nhar l-1 ta' Lulju, kif hemm referenza għalihom fil-Memorandum ta' Ftehim konkluż bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Dominikana u approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/486/KE (***).

2. Esportazzjonijiet kif hemm referenza għalihom fil-paragrafu 1 għandhom ikunu suġġetti għall-preżentazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika Dominikana ta' liċenzja ta' esportazzjoni maħruġa bi qbil ma' dan l-Artikolu u kopja tad-dikjarazzjoni ta' esportazzjoni awtorizzata kif dovut għal kull kunsinna.

3. Meta jinħarġu liċenzji ta' esportazzjoni, għandha tingħata prijorità lil trab tal-ħalib li jaqa' taħt il-kodiċi ta' prodotti li ġejjin min-nomenklatura ta' rifużjonijiet ta' esportazzjoni:

— 0402 10 19 9000,

— 0402 21 11 9900,

— 0402 21 19 9900,

— 0402 21 91 9200,

— 0402 21 99 9200.

Prodotti koperti b'applikazzjonijiet kellhom ikunu prodotti kollha kemm huma ġewwa l-Komunità Ewropea. Fuq talba ta' l-awtoritajiet kompetenti, applikanti għandhom jipprovdu kull prova oħra li l-awtoritajiet jikkunsidraw li tkun meħtieġa għall-ħruġ ta' liċenzji u għandhom jaċċettaw, fejn ikun applikabbli, kwalunkwe kontrolli minn dawk l-awtoritajiet tal-kondizzjonijiet ta' żamma ta' kotba u manufattura tal-prodotti kkonċernati.

4. Il-kwota li hemm referenza għaliha fil-paragrafu 1 għandha tkun ta' 22400 t għal kull perjodu ta' 12-il xahar li jibda nhar l-1 ta' Lulju. Il-kwota għandha tkun maqsuma f'żewġ partijiet:

(a) l-ewwel parti, daqs 80 % jew 17 920 t, għandha tinqasam bejn l-esportaturi tal-Komunità li jistgħu jagħtu prova li huma esportaw prodotti kif imsemmija fil-paragrafu 3 lejn ir-Repubblika Dominikana matul kull waħda mit-tliet snin kalendarji ta' qabel il-perjodu ta' dħul ta' applikazzjonijiet;

(b) it-tieni parti, daqs 20 % jew 4 480 tunnellata, għandha tkun merfugħa għal applikanti minbarra dawk li hemm referenza għalihom f'(a) li jistgħu jagħtu prova, fiż-żmien li jdaħħlu l-applikazzjoni tagħhom, li huma kienu impenjati għal mill-inqas 12-il xahar f'negozju ma' pajjiżi terzi fil-prodotti tal-ħalib imniżżla fil-Kapitolu 4 tan-nomenklatura tat-tariffi u statistika u t-tariffa tad-dwana komuni u huma rreġistrati fi Stat Membru għal għanijiet ta' VAT.

5. Applikazzjonijiet għal liċenzji ta' esportazzjoni ma jistgħux ikopru, għal kull applikant, aktar minn:

— għall-parti li hemm referenza għaliha fil-paragrafu 4(a), kwantità daqs 110 % tal-kwantità totali ta' prodotti li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 3 esportati matul waħda mis-snin kalendarji qabel il-perjodu ta' dħul ta' applikazzjonijiet,

— għall-parti li hemm referenza għaliha fil-paragrafu 4(b), kwantità massima totali ta' 600 t.

Applikanti li jonqsu milli jikkonformaw ma' dan l-oġħla limitu għandhom ikollhom l-applikazzjonijiet tagħhom irrifjutati.

6. (a) Sabiex tkun aċċettata, applikazzjoni għal liċenzja ta' esportazzjoni waħda biss għandha tiddaħħal għal kull kodiċi ta' prodott fin-nomenklatura għal rifużjonijiet u l-applikazzjonijiet kollha għandhom jiddaħħlu għand l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru wieħed;

(b) Applikazzjonijiet għal liċenzja ta' esportazzjoni għandhom ikunu aċċettabbli biss fejn applikanti, fil-ħin li jippreżentaw l-applikazzjonijiet tagħhom:

— ipoġġu garanzija maħduma bi qbil ma' l-Artikolu 9 fuq il-bażi tar-rata ta' rifużjoni li hemm referenza għaliha fil-paragrafu 8,

— għall-parti li hemm referenza għaliha fil-paragrafu 4(a), juru l-kwantità ta' prodotti li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 3 li huma kienu esportaw lejn ir-Repubblika Dominikana matul waħda mis-snin kalendarji ta' qabel il-perjodu li hemm referenza għalih fil-paragrafu 4(a) u jkunu jistgħu jagħtu prova għassodisfazzjon ta' l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru kkonċernat. Għal dan il-għan innegozjant li l-isem tiegħu ikun jidher fuq iddikjarazzjoni ta' esportazzjoni relevanti għandu jitqies bħala l-esportatur,

— għall-parti li hemm referenza għaliha fil-paragrafu 4(b), ikunu kapaċi jagħtu prova għassodisfazzjon ta' l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru kkonċernat li huma jissodisfaw ilkondizzjonijiet preskritti.

7. Applikazzjonijiet għal liċenzji għandhom jiddaħħlu mill-1 sa l-10 ta' April ta' kull sena għall-kwota li għandha x'taqsam mal-perjodu mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Ġunju tassena ta' wara.

Iżda, għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 1999 sat-30 ta' Ġunju 2000, applikazzjonijiet għal liċenzji għandhom jiddaħħlu mill-1 sa l-10 ta' Awissu 1999.

Għall-għanijiet ta' l-Artikolu 1(1), l-applikazzjonijiet kollha mdaħħla qabel id-data ta' għeluq għandhom ikunu meqjusa li jkunu ġew mdaħħla fl-ewwel ġurnata tal-perjodu għaddħul ta' applikazzjonijiet għal liċenzji.

8. Ir-rata ta' rifużjoni għal prodotti maħsuba għal esportazzjoni lejn ir-Repubblika Dominikana taħt il-kwota li hemm referenza għaliha fil-paragrafu 1 għandha tkun:

— 70 %, għal prodotti koperti b'kodiċi NM 0402 10, u

— 85 %, għal prodotti koperti b'kodiċi NM 0402 21 u 0402 29,

tar-rata ffissata mill-Kummissjoni bi qbil ma' l-Artikolu 17(3) tar-Regolament (KEE) Nru 804/68 fl-ewwel ġurnata tal-perjodu li hemm referenza għalih fil-paragrafu 7.

9. Applikazzjonijiet għal liċenzji u liċenzji għandhom ikun fihom:

(a) fit-taqsima 7, il-kliem 'ir-Repubblika Dominikana, 456';

(b) fit-taqsimiet 17 u 18 ta' l-applikazzjoni, il-kwantità li jkollha x'taqsam magħha l-applikazzjoni;

(ċ) fit-taqsima 20 ta' l-applikazzjoni:

— il-kliem 'L-Artikolu 20a tar-Regolament (KE) Nru 174/1999'

— il-kliem 'kwota bla dazju għal... (sena)'.

Liċenzji maħruġa taħt dan l-Artikolu għandhom joħolqu obbligu għal esportazzjoni lejn id-destinazzjoni indikata fit-taqsima 7.

10. Mhux aktar tard mill-ħames ġurnata xogħol wara li jiskadi l-perjodu għad-ħul ta' applikazzjonijiet, Stati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, bi qbil mal-mudell fl-Anness V, għal kull waħda miż-żewġ partijiet tal-kwota u għal kull kodiċi ta' prodott tannomenklatura għal rifużjonijiet, bil-kwantitajiet koperti b'applikazzjonijiet għal liċenzji jew, fejn ikun applikabbli, li ma kienet iddaħħlet l-ebda applikazzjoni.

In-notifikazzjonijiet, inklużi notifikazzjonijiet ta' applikazzjonijiet nulli, għandhom isiru permezz ta' *telex* jew *fax* fil-ġurnata xogħol stipulata.

Qabel ma joħorġu l-liċenzji, l-Istati Membri għandhom jivverifikaw b'mod partikolari li l-informazzjoni li hemm referenza għaliha fil-paragrafi 3 sa 5 tkun korretta.

Jekk l-informazzjoni pprovduta minn negozjant li tkun inħarġitlu liċenzja tinstab li ma tkunx korretta, il-liċenzja għandha tkun ikkanċellata u l-garanzija mitlufa.

11. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi kemm jista' jkun malajr sa liema punt jistgħu jingħataw applikazzjonijiet innotifikati lilha u għandha tinforma lill-Istati Membri biddeċiżjoni tagħha.

Jekk il-kwantitajiet koperti b'applikazzjonijiet għal liċenzji għaż-żewġ partijiet tal-kwota jaqbżu waħda jew oħra millkwantitajiet li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 4, il-Kummissjoni għandha tiffissa l-koeffiċjenti ta' allokazzjoni. Jekk applikazzjoni ta' koeffiċjenti ta' allokazzjoni tirriżulta fi kwantita għal kull applikant inqas minn 20 t, applikanti jistgħu jirtiraw l-applikazzjonijiet tagħhom. F'tali każijiet, għandhom jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti fi żmien tlett ijiem xogħol bil-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni. Il-garanzija għandha tkun irrilaxxata minnufih. L-awtorità kompetenti għandha tinnotifika lill-Kummissjoni, fi żmien tmint ijiem mill-pubblikazzjoni taddeċiżjoni, bil-kwantitajiet li għalihom ġew irtirati applikazzjonijiet u li għalihom ġew irtirati l-garanziji.

Fejn il-kwantità totali koperta b'applikazzjonijiet għal liċenzji tkun inqas mill-kwantità disponibbli għall-perjodu in kwistjoni, il-Kummissjoni għandha talloka l-bqija talkwantità, fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi li jagħtu każ b'mod partikolari ta' applikazzjonijiet għal liċenzji għallprodotti kollha li jaqgħu taħt kodiċi NM 0402 10, 0402 21 u 0402 29.

12. Liċenzji għandhom jinħarġu fuq talba ta' l-esportatur, mhux aktar kmieni mill-1 ta' Lulju u mhux aktar tard mill-15 ta' Frar tas-sena ta' wara. Għandhom jinħarġu biss lil esportaturi li l-applikazzjonijiet għal liċenzji tagħhom kienu nnotifikati bi qbil mal-paragrafu 10.

L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni qabel l-1 ta' Marzu, bi qbil ma' l-Anness VI, għaż-żewġ partijiet tal-kwota, il-kwantitajiet li għalihom ma nħarġet l-ebda liċenzja.

13. Minkejja l-Artikolu 6, liċenzji ta' esportazzjoni għandhom ikunu validi mid-data ta' ħruġ tagħhom fittifsira ta' l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (KEE) Nru 3719/88 sat-30 ta' Ġunju 'l quddiem.

14. Il-garanzija għandha taqa' biss malli tkun ippreżentata l-prova li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 33(4) tar-Regolament (KEE) Nru 3719/88, jew għal dak li għandu x'jaqsam ma' kwantitajiet koperti minn applikazzjonijiet li ma setgħet tinħareġ l-ebda liċenzja għalihom.

Minkejja l-ħames subparagrafu ta' l-Artikolu 33(2) tar-Regolament (KEE) Nru 3719/88, il-garanzija li għandha x'taqsam mal-kwantità mhux esportata għandha tintilef.

15. Minkejja l-Artikolu 9 tar-Regolament (KEE) Nru 3719/88, liċenzji ma għandhomx ikunu trasferibbli.

16. Qabel l-1 ta' Settembru ta' kull sena, l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru għandha tirraporta lill-Kummissjoni, bi qbil ma' l-Anness VII, imqassam skond il-kodiċi tal-prodott tan-nomenklatura għal rifużjonijiet:

— il-kwantità allokata,

— il-kwantità li għaliha nħarġu liċenzji,

— il-kwantità esportata

matul il-perjodu ta' 12-il xahar ta' qabel kif hemm referenza għalih fil-paragrafu 1.

17. Kapitolu I għandu japplika, bl-eċċezzjoni ta' l-Artikoli 6 u 10."

(***) ĠU L 218, tas-6.8.1998, p. 45.

10. Fl-Anness II, l-aħħar kodiċi ta' Grupp 23 hu mibdul bil-kodiċi "0405 90 90 90/00".

11. L-Anness IV u mibdul bl-Anness I għal dan ir-Regolament.

12. L-annessi fl-Anness II ma' dan huma miżjuda.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' ġurnata wara li jkun ippubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-20 ta' Lulju 1999.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

"ANNESS IV

Kanada

Informazzjoni meħtieġa taħt l-Artikolu 18(8)

Stat Membru: .....

Data ghall-perjodu minn ..... sa .....

Isem/indirizz tal-kummerċjant	Kodiċi tal-prodott NM (bis-saħħa ta' l-Artikolu 18(2))	Liċenzji maħruġa	
		Numru tal-liċenzji	Kwantità tunnellati"
Total			

ANNESS II

"ANNESS V

Repubblika Domenikana

Informazzjoni meħtieġa taħt l-Aritikolu 20a(10)

Stat Membru: .....

applikazzjonijiet għall-perjodu: .....

Kwota msemmija fl-Artikolu 20a(4)(a)

Isem/indirizz ta' l-applikant	Data ta' referenza esportazzjonijiet lir-Repubblika Domenikana			Applikazzjonijiet	
	Kodiċi tal-prodott fin-nomenklatura tar-rifużjonijiet	Kwantitajiet esportati (t)	Sena ta' esportazzjoni	Kodiċi tal-prodott fin-nomenklatura ta' rifużjonijiet	Kwantità massima = 110 % ta' (3) (t)
(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)
Total					

Kwota msemmija fl-Artikolu 20a(4)(b)

Isem/indirizz ta' l-applikant	Kodiċi tal-prodott fin-nomenklatura ta' rifużjonijiet	Kwantità applikata għal (t)

ANNESS VI

Repubblika Domenikana

Informazzjoni meħtieġa taħt l-Artikolu 20a (12)

Stat Membru: .....

Data rigward il-perjodu minn ..... sa .....

Kwota msemmija fl-Artikolu 20a(4)(a)

Isem u l-indirizz ta' l-esportatur	Kodiċi fin-nomenklatura tar-rifużjonijiet	Kwantitajiet allokati li għalihom ma nħarġux liċenzji (t)

Total

Kwota msemmija fl-Artikolu 20a(4)(b)

Isem u l-indirizz ta' l-esportatur	Kodiċi fin-nomenklaura tar-rifużjonijiet	Kwantitajiet allokati li għalihom ma nħarġux liċenzji (t)

Total

ANNESS VII

Repubblika Domenikana

Informazzjoni meħtieġa taħt l-Article 20a(16)

Stat Membru: .....

Data rigward il-perjodu minn: ..... 1 ta' Lulju sat-30 ta' Ġunju .....

Kwota msemmija fl-Artikolu 20a(4)(a)

Kodiċi fin-nomenklatura tar-rifużjonijiet	Kwantitajiet li ġew allokati għalihom	Kwantitajiet li għalihom inħarġu liċenzji	Kwantitajiet esportati
	(t)	(t)	(t)
Total			

Kwota msemmija fl-Artikolu 20a(4)(b)

Kodiċi fin-nomenklatura tar-rifużjonijiet	Kwantitajiet li għalihom ġew allokati liċenzji	Kwantitajiet li għalihom nħarġu liċenzji	Kwantitajiet esportati
	(t)	(t)	(t)
Total			